

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 74/2013

tal-25 ta' Jannar 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1125/2010 rigward iċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali fil-  
Ġermanja, fi Spanja u fis-Slovakkja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1125/2010 tat-3 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi iċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1173/2009 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi, fl-Anness tiegħu, iċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku <sup>(3)</sup>, il-Ġermanja, Spanja u s-Slovakkja nnotifikaw lill-Kummissjoni bil-lista emendata taċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali

tagħhom kif ukoll bil-lista tal-postijiet tal-ħżin <sup>(4)</sup> ta' dawn iċ-ċentri li kienu ġew approvati bħala konformi mal-istandards minimi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- (3) Għalhekk jeħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1125/2010 jiġi emendat skont dan, u li fuq l-Internet tiġi ppubblikata l-lista tal-postijiet tal-ħżin tagħhom bl-informazzjoni neċessarja kollha għall-operaturi kkonċernati mill-intervent pubbliku.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1125/2010 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2013.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 318, 4.12.2010, p. 10.<sup>(3)</sup> ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.<sup>(4)</sup> L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentri tal-intervent huma disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni Ewropea [http://ec.europa.eu/agriculture/cereals/legislation/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/cereals/legislation/index_en.htm)

## ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1125/2010 huwa emendat kif ġej:

1. It-taqsimi bit-titolu "IL-ĠERMANJA" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IL-ĠERMANJA

Aschersleben	Güstrow	Neustadt
Augsburg	Hamburg	Nienburg
Bad Gandersheim	Hameln	Northheim
Bad Oldesloe	Herzberg	Pollhagen
Beverungen	Hildesheim	Querfurt
Brandenburg	Holzminden	Regensburg
Bremen	Itzehoe	Rethem/Aller
Bülstringen	Kappeln	Riesa
Buttstädt	Karstädt	Rosdorf
Dessau-Roßlau	Kiel	Rostock
Drebkau	Klötze	Schwerin
Ebeleben	Krefeld	Tangermünde
Eilenburg	Kyritz	Trebsen
Emden	Lübeck	Uelzen
Flensburg	Ludwigshafen	Wismar
Gransee	Magdeburg	Witzenhausen"
Großschirma	Malchin	

2. It-taqsimi bit-titolu "SPANJA" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SPANJA

Andalucia  
Aragon  
Castilla y Leon  
Castilla La Mancha  
Extremadura  
Navarra"

3. It-taqsimi bit-titolu "S-SLOVAKKJA" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IS-SLOVAKKJA

Bratislava  
Trnava  
Dunajská Streda  
Nitra  
Dvory nad Žitavou  
Bánovce nad Bebravou  
Martin  
Veľký Krtíš  
Rimavská Sobota  
Šurany  
Košice"